# Qorti tal-Magistrati
# (Ghawdex)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali .

Magistrat : Dr. Paul Coppini LL.D.

Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Frar, 2001 .

Kumpilazzjoni Numru : 93/1999 .

Il-Pulizija
**(Spettur Antonello Grech)**

**VS**

**ALAN BUTTIGIEG ta' 26 sena, bin Joseph u Mary Carmen nee' Attard, imwieled San Giljan, fit-23 ta' Ottubru, 1973 u residenti "Ta' Kelina", Block A, Flat 2, Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Nadur (ID. Card No. 510373M) .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-akkuza li permezz taghha l-imputat Alan Buttigieg, gie akkuzat:**

**A) Talli f'data mhux maghrufa bejn id-19 u l-21 ta' Lulju, 1999, bil-lejl, fix-Xaghra, Ghawdex, ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond maghruf bhala Tal-Palma, No. 38, Triq l-Ghejjun, Xaghra, ghad-dannu ta' Eben Triulzi Gretchen, liema serq hu aggravat mill-mezz, valur, lok, u l-hin .**

**B) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mitt lira (LM100) izda inqas minn hames mitt lira (LM500), ghad-dannu ta' l-istess Gretchen .**

**C) Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmenijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda talli f'zewg dati mhux maghrufa bejn is-26 ta' Settembru, 1999 u is-7 ta' Ottubru, 1999,**

**bil-lejl, fix-Xaghra, Ghawdex, ikkommetta serq ta' diversi ogetti mill-fond maghruf bhala It-Terrazzin, Spring Court, Triq l-Ghejjun, Xaghra ghad-dannu ta' Astrid Vella, liema serq hu aggravat mill-mezz, valur li jeccedi l-elf lira (LM1000), lok u l-hin.**

**D) U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mitt lira (LM100) izda inqas minn hames mitt lira (LM500), ghad-dannu ta' l-istess Astrid Vella .**

**E) Talli f'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmenijiet differenti, u li jiksru l-istess dizpozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda talli f'zewg dati mhux maghrufa ben il-15 ta' Settembru, 1999 u l-31 ta' Ottubru, 1999, bil-lejl, fix-Xaghra, Ghawdex, ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond maghruf bhala, Fionina, Triq l-Ghejjun, Xaghra ghad-dannu ta' Joe Baldacchino u George Micallef, liema serq hu aggravat mill-mezz, valur li jeccedi l-elf lira, lok, u l-hin .**

**F) U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal inqas minn hamsin lira (LM50), ghad-dannu ta' l-istess Baldacchino u Micallef .**

**G) Talli fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Ottubru, 1999, bil-lejl, fin-Nadur, Ghawdex, ikkommetta serq ta' mitrah mill-fond maghruf bhala Flat 11, Block B, Ta' Kelina, Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Nadur ghad-dannu ta' Angelo Azzopardi, liema serq hu aggravat mill-mezz, lok, u l-hin .**

**H) Talli fl-20 ta' Novembru 1999, u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'Ghawdex, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom .**

**I) Talli fis-17 ta' Novembru, 1999, bil-lejl, fin-Nadur, Ghawdex, dahal f'lok jew recint u cioe f'garaxx minghajr numru, fi Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Nadur, b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265 u266 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bi ksur tal-Artikolu 330 tal-istess Kapitolu .**

**Rat ukoll l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluza l-fedina penali netta ta' l-imputat .**

**Rat l-artikli ta' l-avukat Generali, li jgibu d-data tad-29 ta' Dicembru, 2000 .**

**Semghet lill-imputat prezenti fl-awla jiddikjara illi huwa ma jsibx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li saret fis-6 ta' Frar, 2001 .**

**Semghet lil Dun Manwel Cordina, prodott mid-difiza, sabiex jispjega ic-cirkostanzi partikolari familjari ta' l-akkuzat, li fil-mument illi gie kommess dan ir-reat huwa kien ghaddej minn cirkostanzi difficli hafna fil-hajja personali tieghu .**

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artiklu 9 tal-Kapitlu 152, tal-ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum .**

**Il-Qorti tawtorizza lill-imputat illi jkun jista' juzgha l-karrozza tieghu, u ghal dan il-fini huwa awtorizzat jirtira l-license plates ta' l-istess karrozza mir-Registru ta' din il-Qorti, kif ukoll li jittrasferixxi liberament l-istess karrozza favur terzi .**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**

SK9399Pc
752